MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2006

Numru 800/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs.**

**Marion (Maria) Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Marion (Maria) Mifsud ta' 43 sena, mart George Mifsud u bint Victor Gauci u Dolores nee` Deacon, imwielda Sliema fit-13.10.1959, u li toqghod nru. 505, Triq il-Kbira, Mosta, u detentrici tal-karta ta' l-identita` bin-numru 687459(M) giet akkuzata:

Talli fis-17 t'April, 2004, ghall-habta ta' l-10.30am., fi Triq J Quintinus, Bugibba, volontarjament, hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe` vettura Kia Pride, numru tar-registrazzjoni CAK 809, liema hsarat ma jeccedux il-hames mitt lira Maltin (Lm500) ghad-dannu tas-socjeta` Meli Car Rentals Ltd. u/jew ohrajn (Artikolu 325*(1)(B)* tal-Kap. 9).

Il-Qorti giet gentilment mitluba, sabiex f'kaz ta' htija, tipprovdi ghas-sigurta` ta' Mark Schembri u Nicole Wagener billi tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikoli 383 u 384 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok. JM3 u nnutat li l-imputata m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni.

Fl-ewwel lok il-Qorti tiddikjara li hi tal-fehma li din il-kawza hi ippernjata fuq kwistjoni ta' kredibilita` ta' xhieda.

Fil-kawza odjerna l-verzjoni moghtija mill-imputata Marion (Maria) Mifsud hi konfliggenti mal-verzjoni moghtija mix-xhud Mark John Schembri. Il-Qorti ghalhekk trid tiddeciedi jekk kienx hemm dak il-konflitt ta' provi li a bazi tieghu ghandha necessarjament tasal ghall-konkluzjoni li kien hemm dubju ragjonevoli dwar jekk il-prosekuzzjoni kienitx ippruvat il-kaz taghha ossia l-htija ta' l-imputata skond l-imputazzjoni migjuba kontra taghha.

Il-Qorti ghandha tara jekk l-assjem tal-provi hu tali li a bazi tieghu din il-Qorti tista' ragjonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-ahhar tasal biex tikkonkludi li dak li qed issostni l-imputata mhux veru u ssib li l-provi jwasslu b'mod inekwivokabbli ghall-htija ta' l-imputata.

F’dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghall-bran mid-deposizzjoni moghtija minn Mark John Schembri fis-Seduta tas-17 ta’ Jannar, 2005 fejn dan, *inter alia*, qal: “Nghid jien lill-imputata prezenti fl-Awla nafha u jiena kont ghamilt zmien nohrog ma’ bintha. Nghid jiena ili noqghod ghal ghaxar (10) snin fit-triq fejn quddiem ir-residenza tieghi toqghod l-imputata. Jiena lill-imputata u lil bintha sirt nafhom bejn wiehed u iehor xi tliet (3) snin ilu. Nghid jiena ghandi garaxx li qieghed quddiem ir-residenza ta’ l-imputata.

Nghid illi f’April li ghadda jiena kont qieghed nohrog ma’ wahda Germaniza, certa Nicole Wagener, rapprezentanta tat-turisti, nghid dina kienet tigi b’vettura hemmhekk ghandi *KIA Pride* ta’ kulur griz, anzi nghid li ta’ kulur *silver*, u din kienet tipparkja quddiem il-garaxx tieghi.

Nghid illi l-imputata kemm-il darba lilna ratna hemmhekk. Lili Nicole kienet issaqsini ghaliex dina l-imputata kienet toqghod thares lejna, jiena spjegajtilha c-cirkostanzi li jien kont nohrog qabel ma’ bintha. Jien ukoll spjegajtilha suspetti illi kienu saruli fuq il-grif fuq il-karozzi tieghi. Is-suspetti tieghi kienu kemm fuq l-imputata kif ukoll fuq bintha Esther Mifsud. Nghid illi fis-17 ta’ April, 2004, f’daka l-perijodu l-imputata kienu waqqghu r-residenza taghhom u kienu qieghdin jibnu blokk ta’ *flats* u l-imputata kienet tkun qieghda hemmekk kuljum. Nghid illi bin-nhar, u cjoe`, fis-17 ta’ April, 2004, Nicole kienet raqdet ghandi u kienet ipparkjat il-karrozza quddiem il-garaxx tieghi. X’hin jiena qomt fil-ghodu ittawwalt il-karrozza, u nghid kien f’xi hin bejn it-tmienja ta’ fil-ghodu (8:00 a.m.) u nofs inhar (12:00), rajt il-karozza ta’ din Nicole u rajt ukoll lill-imputata li kienet qieghda faccata tal-garaxx tieghi fejn il-blokk li kienu qed jibnu. Bqajt nittawwal ghal xi hin. Xi nofs siegha wara li ergajt ittawwalt jien bdejt ninnota lill-imputata bdiet thares lejn il-gallarija tieghi u wkoll bdiet tersaq lejn il-karrozza ta’ Nicole u f’hin minnhom rajt lill-imputata ghaddejja ma’ genb din il-karrozza ta’ Nicole Wagener u rajt idejha timxi mal-genb tal-karozza u jiena hemmhekk issuspettajt li girfitha. Dina baqghet gejja ghal go l-ghalqa faccata tal-garaxx tieghi. Jiena qajjimt lil

Nicole u ghidtilha biex tmur tara u fil-fatt Nicole ittawlet mill-gallarija tieghi u rat lill-imputata ddur mal-blokk.

Jiena cempilt imbaghad lill-Ispettur Joseph Mercieca, nghid pero` ma stajtx naqbad ma' l-Ispettur u mbaghad jiena u Nicole inzilna, rajna l-grif fuq il-karrozza u morna l-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra biex naghmlu r-rapport. Jiena informajt lill-Ispettur dwar dan."

"……………………………………………………………..".
"Dana l-grif fuq il-karrozza ta' Nicole Wagener kienu qieghdin fuq in-naha tal-genb tax-xufier u allura fuq in-naha tal-lemin."

In kontro-ezami fl-istess Seduta l-istess xhud, *inter alia*, qal:

"Qed nigi mistoqsi mill-avukat difensur fid-dawl kollu ta' dak li ghidt meta jiena rajt lill-imputata odjerna Maria Mifsud tobrox il-karrozza tat-tfajla tieghi Nicole Wagener jiena x'ghamilt, jigifieri agixxejtx dwar dan, nghid li jiena biex jiena ma naqax ghal provokazzjoni jiena cempilt l-Ispettur tal-Pulizija."

Issa l-Qorti sejra ticcita bran mit-traduzzjoni tad-deposizzjoni li tat Nicole Wagner fis-Seduta tat-3 ta' Mejju, 2005, fejn din ix-xhud, *inter alia*, qalet: "Nixtieq nghid illi fis-17 ta' April 2004 filghodu jien kont fi flat f'Bugibba, jien irqat hemmhekk il-lejl. Imbaghad l-ex namrat tieghi gie jqajjimni, u qalli biex ma nirrabjax ghaliex hu kien ra lil xi hadd jobroxli l-karozza. Il-karozza kienet ipparkjata quddiem il-garaxx ta' l-ex namrat tieghi. Jien qomt mis-sodda, mort fil-kcina u mit-tieqa li taghti ghall-gallarija jien harist il barra u nixtieq nghid illi faccata tat-tieqa hemm bini u jien rajt lill-imputata li qed naghrafha prezenti fl-Awla, u hi kienet miexja ezatt faccata tieghi fuq in-naha l-ohra tat-triq hdejn dar li hi fuq in-naha l-ohra tat-triq." "……………………..." "Nixtieq inzid nghid illi wara jien u l-ex namrat tieghi morna barra u jien rajt il-brix mal-karozza. Nixtieq inzid nghid illi kien hemm brix fuq iz-zewg nahat tal-karozza u fuq iz-zewg bibieb tal-karozza. Nixtieq hawnhek nghid illi din il-karozza ghandha zewg

bibien. Il-brix kienu fil-gnubijiet tal-karozza. Nixtieq inzid nghid illi l-ahhar li rjat il-gnubijiet tal-karozza kien meta jien ipparkjajt il-karozza bil-lejl, u jien ghidtlu li l-karozza ma kelliex brix.”

In kontro-ezami l-istess xhud, fl-istess Seduta, *inter alia*, qalet: “Jien rajt lill-imputata miexja fuq in-naha l-ohra tat-triq fejn hemm bini li kien ghadu ghaddej bil-kostruzzjoni and hdejn dan il-bini hemm dar. Proprjament jien rajt lill-imputata meta hi kienet miexja hdejn din id-dar li kienet diga` mibnija.” “…………………………….” “Mit-tieqa li jien ittawwalt minnha mill-flat u li jien rajt lill-imputata ghaddejja, jekk wiehed jixxabbat ftit, wiehed jista’ jara l-karozza fejn tkun ipparkjata. Wiehed irid jersaq ‘il quddiem u jmil ftit biex jkun jista’ jara l-karozza. Meta ahna hrigna biex naraw il-karozza l-imputata kienet diga` telqet minn fuq il-post. Meta l-ex namrat tieghi ra l-brix hu qalli li lill-imputata kien jafha qabel u hi qabel kienet barxitlu l-karozza. L-ex namrat tieghi qalli wkoll li hu kellu relazzjoni mat-tifla ta’ l-imputata. Qed nigi mistoqsija mid-difiza jekk l-ex namrat tieghi kienx qalli li l-imputata u r-ragel taghha ma riedux lit-tifla taghhom tohrog mieghu, nixtieq nispjega illi l-ex namrat tieghi ma kienx qalli dwar dan.”

In ri ezami fl-istess Seduta, l-istess xhud, *inter alia*, qalet: “Meta jien ittawwalt mit-tieqa u rajt lill-imputata n-naha l-ohra tat-triq jien ma ftahtx it-tieqa, jien harist mit-tieqa minn gewwa. Jien rajt il-karozza billi ixxabbat u hakkejt wicci mat-tieqa minghajr ma ftaht it-tieqa.”

Hawn il-Qorti serja ticcita s-segwenti parti mill-Okkorrenza (Dok PJM 2): “Irraportat illum 17.04.04 fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra li aktar kmieni illum stess ghall-habta ta’ 10.30am kien hemm vettura ta’ habiba tieghu ipparkjata quddiem il-garaxx ta’ Mark John Schembri sitwata fi Triq J. Quintinus, Qawra, waqt li kien qed jittawwal mill-gallarija kien ra lil certu Marion Mifsud tobrox il-vettura CAK 809 fuq in-naha tal-lemin hsarat ghandu grif fuq il-bieba tal-lemin ta’ naha ta’ wara, u li l-vettura kienet qed taghmel uzu minnha l-kwerelanta, hekk kif rat lil Mark

jittawwal mill-gallarija dahlet gol-vann taghha HMY 232 u harbet minn fuq il-post."

F'dan l-istadju l-Qorti tosserva li minn provi tal-prosekuzzjoni jermergu certi diskrepanzi, b'hekk illi x-xhud Mark John Schembri (Seduta tas-17 ta' Jannar, 2005) qal: "Jien qajjimt lil Nicole u ghidtilha biex tmur tara u fil-fatt Nicole ittawlet mill-gallarija tieghi u rat lill-imputata ddur mal-blokk." (Sottolinjar tal-Qorti)
Mentri ix-xhud Nicole Wagner (Seduta tat-3 ta' Mejju, 2005 (Traduzzjoni)) qalet: "Jien qomt mis-sodda, mort fil-kcina u mit-tieqa li taghti ghall-gallarija jien harist il barra u nixtieq nghid illi faccata tat-tieqa hemm bini u jien rajt lill-imputata li qed naghrafha prezenti fl-Awla, u hi kienet miexja ezatt faccata tieghi fuq in-naha l-ohra tat-triq, hdejn dar li hi fuq in-naha l-ohra tat-triq." (Sottolinjar tal-Qorti)

Issa fl-Okkorrenza (Dok PJM 2) insibu imnizzel: "…………., hekk kif rat lil Mark jittawwal mill-gallarija dahlet gol-vann taghha HMY 232 u harbet minn fuq il-post." (Sottolinjar tal-Qorti).

Mela skond ix-xhud Mark John Schembri meta Nicole ittawlet mill-gallarija tieghu rat lill-imputata ddur mal-blokk. Ix-xhud Nicole Wagner qalet li hi rat mit-tieqa li taghti ghall-gallarija lill-imputata miexja ezatt faccata taghha fuq in-naha l-ohra tat-triq mentri fl-okkorrenza (Dok PJM 2) insibu irraportat: "hekk kif rat lil Mark jittawwal mill-gallarija dahlet gol-vann taghha HMY 232 u harbet minn fuq il-post."

Inoltre ix-xhud Mark John Schembri (Seduta tas-17 ta' Jannar, 2005) qal: "Dana l-grif fuq il-karozza ta' Nicole Wagner kienu qeghdin fuq in-naha tal-genb tax-xufier u allura fuq in-naha tal-lemin." (Sottolinjar tal-Qorti).

Mentri ix-xhud Nicole Wagner (Seduta tat-3 ta' Mejju, 2005) (Traduzzjoni) qalet: "Nixtieq nghid illi kien hemm brix fuq iz-zewg nahat tal-karozza u fuq iz-zewg bibieb tal-karozza. Nixtieq hawnhekk nghid illi din il-karozza ghandha zewg bibien. Il-brix kienu fil-gnubijiet tal-karozza." (Sottolinjar tal-Qorti). (Bl-Ingliz: "I wish to add

that there were scratches on both sides of the car and on both doors of the car. I wish to here state that this is a two door car. The scratches were on the sides of the car." Sottolinjar tal-Qorti).

Mentri fl-Okkorrenza (Dok PJM 2) hemm imnizzel: " ……….. hsarat ghandu grif fuq il-bieba tal-lemin ta' naha ta' wara." (Sottolinjar tal-Qorti).

Hawn il-Qorti sejra ticcita mid-deposizzjoni li tat l-imputata Marion (Maria) Mifsud fis-Seduta tat-13 ta' Lulju, 2005 fejn din, *inter alia*, qalet: "……………………" "B'referenza ghas-17 ta' April 2004 nghid illi zewgi dakinhar kien ipparkja l-vann ezatt ma l-appartamenti li qieghed jigi zviluppati taghna, u l-vann allura kien fis-side oppost tar-residenza ta' Schembri u nghid illi in kwantu gha lwisa tat-triq in kwistjoni nghid illi zewg karozzi jghaddu sew mit-triq. Imbaghad nghid illi jien u zewgi dhalna fil-construction site taghna u kien hemm il-haddiema u nghid illi jien fuq il-post kont hallejt zewg qtates hemmhekk u mmur nitmaghhom kuljum u dawn qeghdin fuq wara tal-blokka u cioe` fl-ghelieqi. Nghid illi imbaghad bhala hin li domna fuq is-site kienu xi kwarta imbaghad ergajna morna fil-vann u morna ghla vann u tlaqna. Kif wasalna ezatt id-dar jien cempillil-Ispettur Joseph Mercieca u qal lill-zewgi biex hu u cioe` zewgi George u jien immorru l-Ghassa tal-Qawra. Ahna staqsejniex inqalax xi haga u ahna morna imbaghad l-Ghassa tal-Qawra, kellimna lill-Ispettur Mercieca u hu kien qalli l-Ispettur illi l-girlfriend ta' Mark Schembri kienet sabet il-karozza taghha mibruxa. Jien kont sorpirza hafna, u jien nghid bil-gurament tieghi li jien dakinhar li mort fis-17 ta' April 2004 fejn ghidt fis-site li mort bil-minibus tar-ragel jien ma missejtx xi karozza jew inkella braxt xi karozza. Jien ma smajt lil hadd jghajjat illi kienu qed imissu xi karozza. Nghid illi dak il-hin nies fit-triq kien hemm u anke kien hemm girien li kienu kellmuni. Nixtieq nghid illi jien la kont naf li dan Mark Schembri kellu xi tfajla barranija u lanqas li din it-tfajla barranija kellha xi karozza jew din il-karozza kienet ipparkjata f'dik it-triq u nghid illi jien kont ilni ma noqghod f'dak is-sit sentejn ghax kienet ilha sentejn illi d-dar kienet waqghet u nghid illi mmur kuljum minhabba x-xoghol tal-kostruzzjoni li tiela`."

Hawn il-Qorti sejra ticcita mid-deposizzjoni tax-xhud George Mifsud (Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2005) fejn dan ix-xhud, *inter alia*, qal: "Nghid illi jien nigi r-ragel ta' l-imputata. Nghid illi fis-17 t'April tas-sena 2004 nghid illi ghal habta ta' xid-disgha, id-disgha u nofs ta' filghodu (9am-9.30am) jien mort il-Qawra flimkien mal-mara li hija l-imputata prezenti fl-Awla u ahna morna fuq il-post bil-vann tieghi li huwa minibus ta' kulur ahmar registration number HMY 232." "……………………………………" "Fuq il-post ghandna qtates li kienu taghna ta' qabel u flimkien tmajna dawn il-qtates. Nikkonferma bil-gurament tieghi illi marti iil-hin kollu dik l-okkazjoni li konna qeghdin hemmhekk qaghdet hdejja. Nghid illi l-vann tieghi insuqu jien biss u l-mara tieghi m'ghandiex il-licenzja specifika biex issuqu. Nikkonferma li jien dakinhar il-vann tieghi jien soqtu biss." "……………………………" "Nghid u nikkonferma bil-gurament tieghi illi fis-17 t'April 2004 il-mara tieghi ma resqet lejn l-ebda karozza ta' terzi persuni."

Il-Qorti kellha diga` opportunita` tosserva aktar qabel f'din is-Sentenza dwar certi diskrepanzi li jemergu minn provi tal-prosekuzzjoni.

Mehuda in konsiderazzjoni l-versjonijiet moghtija mix-xhud Mark John Schembri u mill-imputata Marion (Maria) Mifsud, fid-dawl tal-assjem tal-provi prodotti u tas-suespost, il-Qorti hi tal-fehma li jemergu dubji serji dwar il-kredibilita` tal-versjoni moghtija mix-xhud Mark John Schembri u li dan jikkrea dubju ragjonevoli dwar is-sussistenza tal-akkuza migjuba kontra l-imputata, liema dubju ghandu jmur favur l-imputata.

Ghaldaqstant il-Qorti ma ssibx lill-imputata Marion (Maria) Mifsud hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha u minnha tilliberaha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------